# "VANĠELU IEĦOR"

## STQARRIJA

Xi ħadd tmeżmeż meta qara din il-poeżija f'Leħen il-Malti, Għadd 71, u f'moħħ xi ħadd mill-qarrejja għandu mnejn daħal xi ħsieb iswed fuq il-kittieb. Aħna li nafu l-kittieb nistgħu nixhdu li hu żagħżugħ ta' ħajja tajba u ta' twemmin nisrani, sħiħ u safi, bħalma jistgħu jixhdu wkoll is-Siġġiewi, raħal twelidu, il-Kulleġġ S. Agta ta' Mons. Depiro, fejn tgħallem, u d-Dar ta' S. Ġużepp, fejn issa qiegħed jaħdem. Kemm hu bgħid K. Vassallo minn dak in-nuqqas ta' twemmin tal-poeta taljan Ġ. Leopardi,—li xi ħadd xebbħu miegħu—, jidher mill-poeżija *Liddell ta' Leopardi*, miġjuba fl-Almanakk ta' Ġ. Muscat tas-sena 1934, faċċ. 94, taħt l-isem VASAMONTI, F'nota ta' din il-poeżija K. Vassallo lil Leopardi jgħidlu: "X'ġid ksibt għal ruħek u xi swielek ta' mertu għas-sema, jekk inti xtaqt tmut mhux għall-imħabba ta' Alla...imma biss biex teħles darba għal dejjem mit-tbatija tal-art... ?"

Issa nħallu lil Karmenu Vassallo jitkellem hu n-nifsu.

P.P. S.

## POETA NISRANI

Xi ħadd qabel, xi ħadd wara
ra jew qal li jiena kilt
mill-frott morr ta' Leopardi
u li miegħu għoddni nbdilt.

Leopardi! Hekk jaqtgħuni
dawk li vrusi qed jaqraw.
Leopardi, mhux Vassallo,
oħrajn fija qed jaraw.

Iżda jien ma kontx u naħlef
li ħaddieħor ma nkun qatt
f'għomri kollu ħliefi n-nifsi,
ħliefi n-nifsi fost kulħadd.

Jien nisrani, bin l-insara;
malti, demm ta' qlub maltin;
iżda qatt ma nisfa' bhima,
għad li l-bhejjem sfaw bnedmin!

Jiena kont, għadni u nibqa'
jiena n-nifsi u qatt ma nsir
xi ħaddieħor, għ. lkemm dana
anqas minni jgħoddu lsir.

Ma nqisux ilsir għal kollox
min hu lsir għaliex jassruh;
huma lsierà, agħar mil-lsiera
dawk li jimxu b'żewġ uċuħ.

Dan li nobgħod, dan li nisħet:
l-oqbra mbajjda qatt ma ħmilt.
Tħalltunix ma' Leopardi:
frott il-Ħaqq u s-Sewwa kilt!